MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 67/2014

Appell Nru: 67/2014

Il-Pulizija

Spettur Dennis Theuma

vs

Jonathan Cassar

Illum, 2 ta' Ottubru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Jonathan Cassar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 203286M talli:

F'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Gunju, 2007 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. Biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jamminifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut mir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar meta kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jamminfattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar meta kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 8(a), (d) u (e) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; ir-regolament 9 tal-GN 292.1939; kif ukoll id-Disposizzjonijiet 4 u 6 tat-Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikolu 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ikkundanntu ghal piena ta' tlitt snin prigunerija, kif ukoll ghal multa ta' €5,000;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannat lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €2,249.23.

Ordnat wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita, gia' mmarkata bhala Dok KB310.2007

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Jonathan Cassar, presentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Frar, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi :

Tannulla is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija u moqrija nhar it-13.02.2014 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. Dennis Theuma) vs Jonathan Cassar"

Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li t-talba sabiex is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija u moqrija nhar it-13.02.2014 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. Dennis Theuma) vs Jonathan Cassar" tigi nulla ma tintlaqax:

(1) Tikkonfermahha fejn sabitu hati tat-tielet (pussess semplici tad-droga kokaina), tar-raba (pussess semplici tad-droga eroina) u tal-hames (pussess semplici tal-pjanta cannabis jew bicca minnha) imputazzjonijiet; u
(2) Thassarha u tirrevokahha fejn sabitu hati tal-ewwel (traffikar tar-raza tal-cannabis) imputazzjoni u taghha tiddikjarah mhux hati u minnha tilliberah skond il-ligi;
(3) Thassarha u tirrevokahha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta u cioe' ta' pussess aggravat u minflok issibu hati biss tar-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis, reat kompriz u nvolut fl-imputazzjoni kif dedotta;

u konsewgwentement tghaddi biex taghti dik il-piena jew sanzjoni li tkun tirrifletti dik id-dikjarazzjoni;

(4) Alternattivament u minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Jonathan Cassar.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma s-segwenti:

Illi l-Ewwel Aggravju huwa car u manifest in kwantu s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Skont Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali:

*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Illi bl-akbar rispett is-sentenza moghtija hija wahda nieqsa ghall-ahhar mill-motivazzjoni u l-fatti li biha l-Qorti waslet ghas-sejbien ta' htija. Barra minnhekk is-sentenza hija estremament ekonomika u sibiljana.

Din il-kawza hija ta' certu portata fejn l-akkuzi kienu serji, tant li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-esponent piena ta' tliet snin prigunerija, kif ukoll multa ta' €5000, flimkien mal-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €2249.23c.

F'kawza bhal din, l-Ewwel Onorabbli Qorti kien jimmerita li taghti ferm aktar motivazzjoni, konsiderazzjoni u fatti li permezz taghhom waslet ghas-sejbien ta' htija. Il-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandha taghraf tiddistingwi l-importanza ta' kawza minn ohra u fejn normalment forsi jkollha

ragun illi ma jkollihx ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni, certi kawzi pero min-natura taghhom stess jirrikjedu aktar studju, motivazzjoni u konsiderazzjonijiet, u dina l-kawza hija proprju wahda minnhom, fejn il-Qorti jmissha tat aktar importanza ghas-serjeta' ta' din il-kawza u l-konsegwenzi taghha.

Bl-akbar rispett huwa inaccettabili li l-Ewwel Onorabbli Qorti tinsisti li hija m'hijiex ha toqghod tidhol fid-dettall tal-provi ghas-semplici raguni li sew l-Ewwel Onorabbli Qorti precedenti, kif ukoll il-Qorti tal-Appell dahlu fil-fond dwar x'jikkostitwixxi pussess semplici u pussess aggravat.

L-uniku motivazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti f'din il-kawza huwa l-fatt li minhabba li il-cannabis kienet inqatghet fi tmienja u tletin bicca, allura hija ma kinitx qeghda temmen l-istqarrija li rrilaxxa l-esponent fejn fiha kien stqarr li l-cannabis kellha sservih ghal sena ghaliex il-cannabis minhabba li hija ta' origini organika ma ddumx tajba sena u ghaldaqstant il-cannabis kienet se tigi ittraffikata.

Bl-akbar rispett dina l-motivazzjoni m'hijix valida. Il-prova fil-ligi kriminal ghandha tkun fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Il-fatti u l-motivazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti ghandhom ikunu ibbazati fuq provi migjuba mill-Prosekuzzjoni li jilhqu l-grad rikjest fil-kamp kriminali u mhux fuq prezunzjonijiet.

Meta wiehed jaghmel analizi tas-sentenza moghtija fil-konfront tal-esponent, wiehed jiehu l-impressjoni li l-Ewwel Onorabbli Qorti iffukat u iddecidiet fuq iz-zewg appelli li kienu gew intavolati mid-difiza u mill-prosekuzzjoni rispettivament u cjoe jekk l-esponent kellux jinghata piena izghar jew inkella piena akbar minn dak li kien inghata. Dan ma kellux ikun il-kaz minhabba l-fatt li l-Qorti tal-Appell annullat s-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Jonathan Cassar' tat-13 ta' Mejju 2011 u baghtet l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-kawza tinstema mill-gdid u tinghata sentenza gdida dwar kull imputazzjoni u sabiex ir-rikorrent ma jkunx priv mid-dritt tieghu ghad-doppio esame u mhux biex l-Ewwel Onorabbli Qorti tiddeciedi biss jekk l-esponent kellux jinghata piena karcerarja anqas jew akbar minn dak li nghata.

Illi fis-sentenza li nghatat u nqrat in awla nhar it-13 ta' Frar 2014, fil-kopja moghtija lid-difiza u lill-appellant (hawn annessa u mmarkata bhala Dok A), m'hemmx imnizzla d-data ta' meta giet deciza l-kawza u sat-tnejn, 24 ta' Frar 2014 fis-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar, bl-appell irid jigi pprezentat sat-tlieta, 25 ta' Frar 2014, l-esponent kien ghad m'ghandux access ghall-kopja formali tal-kawza deciza fil-konfront tieghu.

Inoltre ghalkemm skont xi giurisprudenza tal-Qrati taghna m'hemmx htiega li s-sentenza tigi miktuba u ffirmata mil-magistrat sedenti u sentenza tkun valida purche tigi ffirmata minn deputat registratur, minkejja li l-appellant sal-hin l-gheluq it-terminu tal-appell impost fuqu baqa jitlob kopja tas-sentenza moqrija nhar it-13 ta' Frar 2014 iffirmata ghall-inqas mid-deputat registratur huwa ma nghatax dan. Dan il-fatt wahdu iwassal ghan-nullita (vide f'dan is-sens il-Pulizija vs Gesmond Sant (vide Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) 19 ta' Frar 2014).

Ghaldaqstant ghal-dawn il-motivi s-sentenza moghtija mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13.02.2014 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. Dennis Theuma) vs Jonathan Cassar" ghandha tigi dikjarata nulla.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi meta wiehed jaghmel analizi anke dettaljata jirrizultalu li fil-process ma hemm l-ebda prova li tista twassal ghas-sejbien ta' htija ta' l-imputat fuq l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar ta' raza tal-Cannabis. L-esponent qieghed jitlob umilment lil dina l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tifli bir-reqqa r-rizultanzi processwali biex effettivament tasal ghad-dikjarazzjoni li l-esponent m'ghandux jinstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement minnha tilliberah skond il-ligi ghaliex s-sejbien tal-htija tieghu mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-ewwel imputazzjoni hija wahda 'unsafe and unsatisfactory'.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent umilment jirrileva illi anke s-sejbien tal-htija tieghu mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-tieni imputazzjoni – dik dwar pussess tar-raza tal-Cannabis mhux ghall-uzu esklussiv tieghu – hija wahda 'unsafe and unsatisfactory'.

Bl-akbar rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib htija fil-konfront tal-esponent sempliciment ghaliex ladarba il-cannabis kienet inqatghet fi tmienja u tletin bicca, l-istess Onorabbli Qorti ma setghetx temmen l-istqarrija li rrilaxxa l-esponent fejn fiha kien stqarr li l-cannabis kellha sservih ghal sena u dana ghaliex skont hi l-cannabis minhabba li hija ta' origini organika ma ddumx tajba sena.

Bl-akbar rispett dan il-fatt huwa biss prezunzjoni. L-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma tista tkun moralment konvinta li l-cannabis kienet se tigi ttraffikata u dana minhabba l-fatt li ma ngiebet l-ebda prova li l-esponent kien verament konxju tal-fatt li ma setghax jahzen il-cannabis sabiex jaghmel uzu personali minnha ghal perjodu ta' sena u dana minhabba li l-cannabis ma tibqax tajba biex tintuza ghal dak it-tul taz-zmien kollu.

Il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghas-sejbien ta' htija skont l-ewwel imputazzjoni, kif ukoll tat-tieni imputazzjoni addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u per konsegwenza s-sejbien ta' htija ta' l-imputat ta- ewwel imputazzjoni u anke tat-tieni imputazzjoni  hija "unsafe and unsatisfactory".

Meta wiehed jaghmel analizi fil-fond tar-rizultanzi processwali, l-esponent huwa tal-umli fehma illi in linea generali r-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta' prova tali, rikjesta fil-kamp penali, li twassal sal-grad tac-certezza morali, li l-esponent kien fi hsiebu li jispacca l-istess sustanza illegali. Bir-rispett jinghad li m'hijiex serena l-konkluzjoni li lahqet l-ewwel Onorabbli Qorti dwar ir-reat.

Naturalment, dan l-argument huwa limitat ghar-reat kif addebitat – tal- pussess aggravat – izda mhux applikabbli ghar-reat kompriz u nvolut ta' pussess semplici tar-raza tal-Cannabis, fatt mhux kontestat mill-esponent.

Il-prova diretta u li ma thalli ebda ekwivoku jew dubju hi s-sejba tar-raza tal-Cannabis (total ta' 453.94 grammi) – ghall-liema pussess l-esponent ammetta minnufih mal-pulizija – ara stqarrija tieghu.

Il-provi huma, in succint u principalament, is-segwenti : Booklet, karti min pitazz b'diversi ismijiet u laqmijiet ripetuti u ammonti ta'flus magenbhom u messaggi fil-mobile; l-ammont tad-droga per se; in-nuqqas tal-esponent li jispjega l-ammont ta' raza tal-Cannabis; il-qsim tar-raza f'bicciet.

Illi l-esponent japprezza li dawn l-elementi kollha jridu jigu ezaminati fil-qafas tal-provi u r-rizultanzi kollha u mhux b'mod izolat. U huwa appuntu meta wiehed jara l-korp kollu tal-kaz odjern, li wiehed jirrealizza ghaliex l-esponent umilment jilmenta li s-sejbien tal-htija fil-konfront tieghu hija wahda legalment insostenibbli.

Riferibbilment ghan-notebook, karti u l-messaggi de quo, jista jaghti l-kaz li wiehed jaqa' fit-tentazzjoni li jasal ghal konkluzjoni li dawn kienu indikattivi tal-modus operandi tal-esponent. Din hija konkluzjoni li ma hix sufficjentement rifless fil-provi migjuba. Il-kliem misjub, fin-nuqqas ta' prova cara li tindika t-tifsira tieghu, jindika li bhala prova tista tasal ghal aktar minn direzzjoni wahda. La darba din il-prova, li suppost hija cirkostanzjali, qed tipponta lejn aktar minn direzzjoni wahda, din hija priva mill-valur probatorju bhala prova cirkostanzjali idoneja biex a bazi taghha tista tinstab il-htija. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi bir-rispett l-esponent jirriafferma li s-sejba tan-notebook, karti u messaggi fuq il-mobile ma tistax titqies bhala prova cirkostanzjali valida skont il-ligi.

Riferibbilment ghall-fatt tal-qsim tar-raza f'bicciet, bir-rispett ma jincidi xejn fuq il-fatt allegat li l-esponent kellu r-raza sabiex jispaccaha. Mill-kawza "Il-Pulizija vs David Robert Matthews u Emanuel Delia" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jidher umilment li l-pozizzjoni hi l-fatt li l-imputat ikollu fil-pussess tieghu is-sustanza f'dawk ic-cirkostanzi ma kienx bizejjed biex jincidi fuq l-aggravju tal-pussess. F'dan il-kuntest allura jinghad bir-rispett illi l-anqas dan l-element ma ghandu l-kwalita' ta' prova cirkostanzjali idoneju skond il-ligi.

Riferibilment ghall-ammont ta' raza tal-cannabis per se, l-esponent umilment jirrileva li anke f'dan ir-rigward huwa ma jikkondividix mal-pozizzjoni li hadet l-ewwel Onorabbli Qorti. Filwaqt li kull pussess ta' droga huwa kundannabbli fis-socjeta' taghna u ebda pussess ta' droga ma huwa gustifikabbli, f'din is-sottomissjoni l-esponent ihoss li ghandu jkun dirett fis-sens illi huwa mill-ewwel stqarr li kien akkwista tali sustanza ghall-uzu tieghu biss. Huwa spjega li kien jikkonsma ammont kuljum mhux hazin. Dan hu fatt mhux ikkontestat f' dawn l-atti. In oltre l-esponent jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmel Spiteri" (VDG 02/09/1999) fejn gie osservat li l-ammont ta' droga (ghalkemm jista' jitqies ghall-finijiet ta' piena jekk ikun konsiderevoli) m' ghandux esklussivament jincidi fuq il-kwistjoni jekk il-pussess kienx aggravat jew le. Bir-rispett ukoll, fil-kaz odjern, l-ammont ta' droga misjub ma kienx tali li a bazi tieghu seta jigi serenament konkluz li l-esponent kellu l-intenzjoni li jispacca - fid-dawl tal-fatt ukoll li l-esponent kien vizibbilment jikkonsma hafna f' dak iz-zmien.

M'hemmx dubju li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ser tkun qed tifli sew il-korp tal-provi u tara jekk effettivament l-ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment issib il-htija fl-esponent. B' dan pero' li l-esponent qed jirrizerva li jelabora aktar dwar il-fatti waqt it-trattazzjoni ta' dan l-Appell.

Illi minn naha tieghu l-esponent, bil-verzjoni tieghu li hija konsistenti, ixaqqaq, sal-grad tal-probabbli, l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li huwa kien fil-pussess tar-raza sabiex jispaccaha. F' dan il-kuntest l-esponent josserva bir-rispett illi l-prosekuzzjoni stess tidher li strahet sew jekk mhux addirittura kompletament fuq il-verzjoni tieghu fl-istqarrija. Cirkostanzi ohra li jsahhu tezi tal-esponent huma l-fatt li hu kellu debiti mal-bank HSBC, l-isforzi tieghu biex jiggestixxi hanut u ohrajn bhall-prova dwar il-valur fit-triq tar-raza misjuba w il-fatt li huwa kien interrogat ghall-ewwel darba f'hajtu u ta' minnufih l-ispjegazzjonijiet mehtiega.

Jigi sottomess bir-rispett li l-esponent, a bazi tar-rizultati processwali, m' ghandux jinstab hati tal-imputazzjoni ta' pussess aggravat tar-raza tal-Cannabis filwaqt li jaccetta l-htija dwar il-pussess semplici tal-istess sustanza;

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-esponent umilment jemmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti. Fost affarijiet ohra l-esponent jixtieq jippuntwalizza illi llum huwa riabilitat fis-socjeta' tant illi ghandu impjieg fiss u jahdem regoralment.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-ghoxrin (20) ta' Gunju tal-elfejn u sebgha (2007) l-appellant gie arrestat mill-pulizija u saret tfixkil fir-residenza tieghu gewwa Wied il-Ghajn fejn gew elevati diversi oggetti fosthom erbgha u tletin (34) bicca sustanza allegatament raza tal-kannabis, blokka ohra tar-raza tal-kannabis, b'kollox ammontanti ghal cirka erba' mija sitta u sebghin grammi (476 grs.). F'gwardarobba nstabu wkoll xi zerriegha tal-qanneb. Sussegwentement saret tfittxija f'fond iehor bl-isem ta' "Vancouver Bar" u hemmhekk instabu qratas tal-kokaina. L-appellant ammetta illi kien anke uza xi eroina. Gew elevati mill-pussess tal-appellant xi flus kontanti u note book. L-appellant ittiehed ghal interrogazzjoni fejn irrilaxxa stqarrija u sussegwentement tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi li jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

Fit-tlettax (13) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) l-appellant instab hati mill-ewwel Qorti u ikkundannatu piena ta' sentejn u nofs prigunerija kif ukoll multa ta' hamest elef ewro (€ 5,000). Sussegwentement kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza intavolaw appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Din l-ahhar Qorti annullat is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-13 ta' Mejju 2011 u baghtet l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex terga' tinstema' l-kawza u tinghata sentenza gdida dwar kull imputazzjoni u sabiex l-appellant ma jkunx priv mid-dritt tieghu tad-doppju ezami.

B'sentenza tat-13 ta' Frar 2014 il-Qorti tal-Magistrati (fol 315) sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija u multa ta' hamest elef ewro (€ 5,000). Di più ikkundannatu jhallas l-ammont tal-ispejjez u cioé elfejn, mitejn disgha u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,249.23).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel sentenza hija nulla u bla effett ghax ma ssegwix id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Ukoll il ghaliex l-appellant ma kellux zmien illi jipprezenta r-rikors tal-appell tieghu peress illi l-kopja ufficcjali rilaxxata mid-deputat registratur qatt ma nghatat lill-appellant. Appella ukoll mill-meritu ghax deherlu illi ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex twassal ghal kundanna tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju ta′ nullità l-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 382 tal-Kap 9 li jghid, "Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta′ dan il-Kodici jew ta′ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat." L-appellant qieghed jargumenta illi l-ewwel Qorti m′osservatax dawn id-dispozizzjonijiet peress illi nieqsa ghall-ahhar mill-motivazzjoni u l-fatti li biha l-Qorti waslet ghas-sejbien ta′ htija. Di più s-sentenza hija estremament ekonomiku u sibiljana.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma′ dan l-argument. L-ewwel Qorti ma kienet xejn ekonomika jew sibiljana fir-ragunament taghha. Dina spjegat il ghala kienet qed issib htija u tat ir-ragunamenti ghall-konkluzjoni taghha, ikkwotat l-artikolu tal-ligi kif ukoll il-fatti tal-kaz u ghalhekk jidhrilha illi d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 382 gew pjenament osservati mill-ewwel Qorti u l-ewwel aggravju qed jigi michud.

L-appellant qed jilmenta ukoll illi fit-terminu moghti mil-ligi sabiex huwa jressaq rikors ta′ appell huwa ma giex moghti s-sentenza tal-Qorti iffirmata mid-deputat

registratur. Il-Qorti tirrileva li dina hija kwistjoni amministrattiva illi trid tigi indirizzata f'dak il-livell. Huwa minnu illi l-kopja ufficcjali ta' sentenza tal-Qorti li taghmel stat fil-konfront ta' terzi hija dik iffirmata mid-deputat registratur u din trid tkun disponibbli ghal min ghandu interess fl-iqsar zmien possibbli. Mhuwiex accettabbli illi fit-terminu qasir moghti lill-imputat sabiex iressaq appell din is-sentenza ma tkunx a dispozizzjoni tieghu. Izda imputat sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jista' dejjem isejjes rikors tal-appell fuq kopja ta' sentenza informali illi dejjem tkun disponibbli kwazi immedjatament wara li tinghata s-sentenza. Però ghal darba ohra din il-Qorti terga' theggeg u twissi lill-amministrazzjoni biex tassigura illi kopja ufficcjali ta' sentenza debitament iffirmata mid-deputat registratur dejjem tkun disponibbli ghal min ghandu interess ftit taz-zmien wara illi tinghata s-sentenza. Però imbilli l-appellant ghamel uzu minn xi kopja informali ma jfissirx illi b'daqshekk is-sentenza hija nulla u dan l-ilment ukoll qed jigi michud.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu l-appellant ilmenta li l-provi mhumiex univoci u dawn ma jsasslux ghall-konkluzjoni wahda u kwindi kien hemm dubbju dettat mir-raguni li kellu jwassal ghal-liberatorja tal-appellant. Di più l-appellant Jonathan Cassar huwa persuna riabilitata kompletament u ghalhekk il-piena erogata fil-konfront tieghu hija wisq esagerata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta bhala fatt illi Jonathan Cassar nstab fil-pussess volut ta' nofs kilo kannabis u ftit aktar minn gramma kokaina. L-istess appellant Cassar ammetta illi f'xi zmien huwa kien abbuza mid-droga eroina. Il-kannabis kienet maqsuma fi tlieta u tmenin (83) bicca u ohrajn lesti biex jinqasmu. L-ewwel Qorti argumentat illi dan l-ammont ma setax kien ghall-uzu personali tal-appellant peress illi bhala pjanta organika l-kannabis kellha "shelf-life" qasir hafna u jekk ma tigix ikkunsmata f'dan it-terminu

kull effett li jista' jkollha jintilef biz-zmien. Dan, abbinat mal-ismijiet u laqmijiet illi kien hemm fil-librett illi nstab fil-pussess tal-appellant, kif ukoll messaggi fuq il-mobile wasslu ghall-konkluzjoni illi l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-appellant kienet intiza biex tigi traffikata.

Ikkunsidrat:

Veru illi hafna mill-provi migjuba f'dan il-kaz huma provi indizjarji. Dawn huma permessi skont il-ligi basta illi jwasslu ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss. Jekk dawn il-provi jwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda jkun perikoluz illi l-Qorti toqghod fuqhom jew tasal ghal xi konkluzjoni dwarhom. F'dan il-kaz l-ewwel Qorti deherilha illi dawn il-provi jwasslu ghal konkluzjoni wahda. L-ammont ta' droga illi nstab fil-pussess volut tal-appellant, kif kienu maqsuma f'pakketti, il-librett bl-ismijiet u laqmijiet u messaggi fuq il-mobile kollha wasslu ghal konkluzjoni wahda illi l-appellant kien ser jittraffika dik id-droga li nstabet fil-pussess tieghu.

Din il-Qorti wara li ghamlet evalwazzjoni tal-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti u l-argumenti tal-ewwel Qorti ssib illi dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghal dak li jirrigwarda l-meritu mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni. Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti tirrileva li l-piena ta' prigunerija hija wahda tassattiva u thalli f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tara t-terminu kemm ikun idoneju ghac-cirkostanzi. Il-principju regolatur hu li mhux normali li l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena jekk din tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi setghet tkun differenti minn dik moghtija. Din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti erogat piena fil-parametri tal-ligi, tat ir-ragunamenti il ghala kellha taghti dik il-piena u ghalhekk mhux il-kaz li din ukoll tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------